MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

SEDUTA TAD-19 TA' FRAR, 2013

RIKORS NUMRU. 385/2012

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti; li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fl-20 ta’ Settembru 1987 u minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal illum kollha maggorenni;

Illli l-partijiet huma legalment separati permezz ta’ sentenza moghtija fil-5 ta’ Frar 2010 per Imhallef Joseph Azzopardi fl-ismijiet C B vs A B, Citazz numru 194/05 JA (Dok AB1 – kopja legali);

Illi huma ilhom de facto separati mis-sena 2004, meta gew inizzjati l-proceduri ghall-medjazzjoni;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom snin mifrudin, huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin. In effetti, l-esponent ghandu tarbija minn persuna li mhix martu, liema tarbija twieldet fl-2005;

Illi r-rikorrent, permezz tas-sentenza imsemmija, kien obbligat ihallas manteniment ta' mija u erbghin ewro kull xahar ghal martu;

Illi pero', permezz ta' l-iskrittura datata 27 ta' Ottubru 2011, l-intimata ezentat lir-rikorrent minn kull obbligu li jhallas manteniment (Dok AB3);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholl ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijeit biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata; li in forza taghha hija eccepiet :
Illi huwa minnu ili ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
Illi huwa wkoll minnu illi jezistu l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili;
Illi affacjata bir-rikors fuq indikat l-esponenti mhix sejra topponi ghar-rikjesta tar-rikorrenti li z-zwieg ta' bejnha u bejn ir-rikorrenti jigi xolt;
Illi in vista tat-talba tar-rikorrenti illi z-zwieg jigi xolt, l-esponenti umilment titlob li din il-Qorti tordna illi l-esponenti ghandha tirreverti ghal kunjom xbubitha 'Agius' u twaqqa' il-kunjom ta' zewgha B.
Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Lulju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta’ Frar 2010, izda ilhom de facto separati mis-sena 2004;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi t-tlett itfal illi twieldu minn dan iz-zwieg illum huma maggorrenni u illi huwa dejjem hallas il-manteniment dovut minnu lill-intimata;

Il-Qorti tilqa’ t-talba tal-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha “Agius”;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------